**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 29 ta' April 2019**

**Rikors Numru 131/18**

**Roderick Galea**
**Emanuel Galea**

**Vs**

**Awtorita` ta' l-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors promutur tar-rikorrentiipprezentat fil-21 ta' Dicembru 2018 li permezz tieghu talbu r-revoka tad-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 15 ta' Novembru 2018 li permezz taghha giet michuda applikazzjoni taghhom "*to sanction pre-1994 extension to an established residence and sanctioning of pre-1994 extension to agricultural stores at Triq Laurenti, Buskett l/o Rabat RBT 2735.*"

Ra li l-Awtorita` intimata debitament notifikata fil-21 ta' Dicembru 2018 ipprezentat ir-risposta taghha fl-14 ta' Jasnnar 2019 u cioe` *fuori termine* l-ghoxrin gurnata koncessi skond artikolu 57 (2) tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ra illi fis-seduta tal-25 ta' Frar 2019 id-difensur tar-rikorrenti irrileva li r-risposta tal-Awtorita` intimata giet ipprezentata *fuori termine* u ghalhekk talab l-isfilz taghha;

Ra illi fl-istess seduta t-Tribunal ikkonceda ghaxart ijiem zmien sabiex l-Awtorita` intimata tipprezenta rikors, jekk thoss li hu l-kaz, biex tiggustifika l-kontumacja taghha;

Ra illi fis-7 ta' Marzu 2019 l-Awtorita` intimata pprezentat Nota li permezz taghha ssottolinejat li rceviet ir-rikors promutur fl-24 ta' Dicembru 2018 u li ghaldaqstant ma hijiex kontumaci;

Ra il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Marzu 2019 fejn id-difensur tal-Awtorita` intimata talbet korrezzjoni fis-sens illi n-Nota li giet pprezentata fil-fatt kellha tkun "Rikors";

Ra li t-Tribunal laqa' t-talba ghall-korrezzjoni;

Fl-istess seduta t-Tribunal sema' lill-Marixxall John Dimech li esegwixxa n-notifika tar-rikors promutur lill-Awtorita` intimata;

Ra l-affidavits ipprezentati mill-Awtorita` intimata;

Sema' t-trattazzjoni dwar il-kwistjoni tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-Awtorita` intimata.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-Awtorita` intimata giet notifikata bl-appell tar-rikorrenti fil-21 ta' Dicembru 2018. Ai termini tal-artikolu 57 (2) tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar l-Awtorita` ta' l-Artijiet) "*2) Minkejja kull ħaġa li tinsab fl-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jinnotifika l-oġġezzjoni, ippreżentata fir-reġistru tiegħu, fuq il-konvenut jew intimat mingħajr dewmien.* ***Il-konvenut għandu jkollu d-dritt li jippreżenta risposta bil-miktub fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tan-notifika.*** *It-Tribunal imbagħad jiffissa data għas-smigħ fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mill-preżentata tar-risposta mill-konvenut fil-limitu ta' żmien imsemmi jew jekk ebda risposta ma tiġi ppreżentata mill-iskadenza ta' dak iż-żmien. It-Tribunal għandu, wara li jappunta r-rikors għas-smigħ, jiddeċiedi fuq il-mertu wara li jirċievi kull xhieda li jidhirlu xieraq, fl-iqsar żmien possibbli, iżda mhux aktar tard minn sitt xhur mill-jum meta l-applikazzjoni tkun ġiet debitament notifikata.*"

Illi l-Marixxall John Dimech stqarr illi meta mar biex jinnotifika l-appell huwa sab ir-Registru maghluq bin-nies hergin 'il barra. Jispjega li mbaghad rah certu Ray Spiteri, persuna li s-soltu jinnotifikah bl-atti, u tah l-att in kwistjoni. Fuq mistoqsija tad-difensur tal-Awtorita` intimata ix-xhud wiegeb li jista' jkun li Spiteri qallu li ma kienx se jdahhal l-att dakinhar imma kien se jdahhlu fil-gurnata tax-xoghol li jmiss.

Fl-affidavit tieghu Raymond Spiteri, Manager fir-Registru tal-Awtorita` intimata, u wkoll Mario Mallia, Executive Officer fl-istess Registru, stqarrew illi fil-21 ta' Dicembru 2018 huma kienu telqu mill-bini tal-Awtorita` f'xi l-4.00pm wara li kienu attendew ghal *party*. Jghid li fit-triq iltaqghu mal-Marixxall Dimech li nsista li jghaddilhom ir-rikors u huma spjegawlu li l-Awtorita` kienet maghluq. Jistqarru li Raymond Spiteri spjega lill-Marixxall li d-dokument seta' jigi processat biss it-Tnejn ta' wara, cioe` 24 ta' Dicembru 2019 pero l-Marixxall xorta halliha fuq il-mejda ta' Spiteri.

Illi ghalhekk l-Awtorita` intimata qieghda ssostni li hi giet notifikata fl-24 ta' Dicembru 2018 u mhux fil-21 ta' Dicembru 2018. Iktar minn hekk l-Awtorita` intimata sostniet illi l-istitut tal-kontumacja ma japplikax ghall-kawzi odjerni stante li l-procedura ma bdietx b'rikors guramentat.

**Ikkunsidra:**

Illi l-ewwel u qabel kollox it-Tribunal se jitratta s-sottomissjoni mressqa mill-Awtorita` intimata li l-istitut tal-kontumacja ma japplikax ghall-kawzi odjerni. It-Tribunal totalment ma jaqbilx ma din is-sottomissjoni li kwazi kwazi ghandha mill-inkredibbli. Li kieku kien hekk allura l-Legislatur stipulat t-termini *entro* liema l-awtoritajiet koncernati jridu jipprezentaw ir-risposta taghhom ghalxejn. Kieku ma jezistix dan l-istitut fil-kawzi odjerni allura l-awtoritajiet koncernati jkunu jistghu jipprezentaw ir-risposti taghhom fi x'hin u meta jridu, sahansitra anke wara li r-rikorrent ikun ghalaq il-provi tieghu. Dan kollu ma jaghmilx sens. Iktar u iktar meta wiehed iqis illi dan it-Tribunal ghandu terminu perentorju *entro* liema jrid jappunta r-rikors ghas-smiegh, u cioe` fi zmien tmint (8) ijiem tax-xoghol minn meta tidhol ir-risposta jew minn meta jkun skada t-terminu tal-ghoxrin gurnata.

Sorvolata din il-kwistjoni, it-Tribunal se jara issa jekk l-Awtorita` intimata irnexxiliex tiggustifika l-kontmacja taghha.

Id-decizjoni gwida f'materja ta' kontumacja hija dik fl-ismijiet "**Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo**" deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Mejju 1937 (Vol. XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:

*(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*
*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*
*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi ppruvata kawza gusta;*
*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisiti f'impediment legittimu;*

*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;*
*(6) L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;*
*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, "una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescendibili",*
*(8) l-impossibilita` li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezjonalment biss tista' tkun morali."* (Dawn l-istess principji gew ribaditi wkoll fis-sentenza **Joseph Naudi Montalto vs Emanuel Xuereb**, deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fis-27 ta' Frar 1995 u fil-kaz **Tal Franciz Construction Limited vs Michale Ciappara**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2013.

Illi issa fil-kaz odjern jirrizulta illi r-risposta ma gietx ipprezentata fit-terminu minhabba cirkostanzi imputabbli ghal nuqqas ta' ufficjal tal-Awtorita` intimata. Dan qieghed jinghad ghaliex l-istess ufficjal flok qabad u ttimbra d-data ta' meta gie notifikat bl-att, hallih hemm u rregistrah bhala li gie ricevut fl-24 ta' Dicembru 2018 meta fil-fatt gie notifikat bih fil-21 ta' Dicembru 2018. Din hija negligenza kbira meta hemm terminu gudizzjarju ghaddej. Il-Marixxall ma nnotifikax lil xi ufficjal kwalunkwe li nzerta kien fil-kurriduri tal-Awtorita` intimata, izda tah lil **<u>Manager tar-Registru tal-Awtorita` intimata</u>** li altru milli suppost jaf x'jimplika terminu gudizzjarju. Min-naha l-ohra, it-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura mill-mod kif mexa l-Marixxall Dimech. Pero` jsib hafna x'jiccensura mill-mod kif agixxa l-Manager tal-Awtorita` intimata li certament kien qieghed jonqos mid-doveri tieghu anke jekk dawk forsi kienu jiem festivi u kien ghadu kemm attenda ghall-*party* tal-Awtorita`.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jsib l-ebda gustifikazzjoni plawsibbli biex jikkoncedi lill-Awtorita` intimata tithalla tikkontesta dan l-appell meta kien proprju ufficjal taghha li minflok qabad u ttimbra l-att bid-data ta' meta rcevieh hallih hemm u ta kasu biss meta rega' dahal ghax-xoghol it-Tnejn ta' wara. Lanqas ma hija xi skuza ragjonevoli li l-ufficini kienu kollha maghluqin. L-inqas haga li seta' jaghmel hu li jaghmel notament fuq l-att li rcevieh fil-21 ta' Dicembru 2018 u meta dahal ghax-xoghol it-Tnejn jirregistrah kif suppost.

**DECIDE**

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jiddeciedi dwar it-talba tal-Awtorita` intimata kif kontenuta fir-rikors taghha tas-7 ta' Marzu 2019 billi jiddikjara illi l-istess Awtorita` ma pprezentatx ir-risposta taghha *entro* t-terminu stipulat fil-ligi u li ma ggustifikatx tali nuqqas. Ghaldaqstant it-Tribunal jordna l-isfilz tar-risposta pprezentata minnha fl-14 ta' Jannar 2019.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni a karigu tal-Awtorita` intimata.

________________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**